



Il-Kummissjoni
Ewropea



“BLUE FARMING” FIL-PATT EKOLOĠIKU EWROPEW

VIŻJONI STRATEĠIKA ĠDIDA GĦAL PRODUZZJONI U KONSUM TA’ AKKWAKULTURA SOSTENIBBLI FL-UNJONI EWROPEA

GĦALIEX L-AKKWAKULTURA HIJA IMPORTANTI GĦALIK?

Kont taf li aktar minn nofs il-ħut tad-dinja u ikel akkwatiku ieħor li hu għall-konsum tal-bniedem ġej mill-akkwakultura? Fil-fatt, fl-aħħar deċennji l-pixxikultura tal-ħut u tal-frott tal-baħar bil-qoxra (akkwakultura) kienet l-attività ta’ produzzjoni tal-ikel li kibret l-aktar malajr fid-dinja. Dan it-tkabbir mistenni jkompli jikber.

X’inhuma l-benefiċċji tal-akkwakultura?

Meta ssir b’mod sostenibbli, l-akkwakultura tista’ tgħin issolvi ftit mill-aktar kwistjonijiet urġenti li qed niffaċċjaw illum.

- Tipprovdi ikel nutrittiv u varjat lill-popolazzjoni dinjija li dejjem tikber.
- Tnaqqas il-ħtieġa li jinqabad aktar ħut selvaġġ biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem kbira għall-ħut u għalhekk tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.
- Tipprovdi ikel li hu frisk u lokali.
- Tipproduċi ikel u għalf b’inqas impatt fuq il-klima u l-ambjent mit-tipi oħra ta’ pixxikultura.
- Toħloq impjegi tant meħtieġa fil-komunitajiet kostali u rurali, inklużi dawk l-aktar imbiegħda.
- Ċerti tipi ta’ akkwakultura jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-ekosistemi u tal-bijodiversità.



Il-ħut, il-frott tal-baħar bil-qoxra u l-alka, apparti li huma sorsi tajbin tal-proteina, jipprovdu wkoll varjetà ta’ nutrijenti oħrajn, inkluż mikronutrijenti bħall-vitamina D u l-vitamina B, is-selenju, il-jodju, iż-żingu, il-ħadid u l-potassju. B’mod partikolari, l-aċidi xaħmin omega-3 b’katina twila li jinsabu fihom għandhom effetti ta’ benefiċċji importanti fuq is-saħħa tal-bniedem u jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni tal-mard.



© Győző Fent

AKKWAKULTURA FL-UNJONI EWROPEA

Minkejja dawn il-benefiċċji, il-produzzjoni u l-konsum tal-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea (UE) ma kibritx bl-istess pass daqs partijiet oħra fid-dinja. Mill-konsum totali tal-ħut u tal-frott tal-baħar minn ċittadin medju tal-UE; 25 % biss oriġina mill-akkwakultura fl-2018. B'mod partikolari, il-produzzjoni tal-akkwakultura fl-UE kopriet biss 10 % tal-frott tal-baħar ikkonsmat fl-UE u irrappreżentat inqas minn 2 % tal-produzzjoni tad-dinjija.

Kważi 70 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura fl-UE huwa kkonċentrat f'erba' Stati Membri (Spanja, Franza, l-Italja u l-Greċja). F'termini tal-volum tal-produzzjoni tal-akkwakultura għal kull kategorija ta' speċi, aktar minn nofs huwa frott tal-baħar bil-qoxra waqt li kull wieħed mill-ħut tal-baħar u l-ħut tal-ilma ħelu jammonta għal madwar 20 % tal-volum totali. Il-maġġoranza l-kbira tal-produzzjoni tal-UE tikkonċerna l-maskli, it-trota, is-sargu, il-gajdri, l-ispnotta, il-karpjun u l-gandoffli.

Dan ifisser li għad hemm ħafna potenzjal għal aktar tkabbir u diversifikazzjoni f'termini ta' pajjiżi produtturi u ta' speċijiet imrobbija. L-akkwakultura tista' wkoll tipprovdi lill-konsumaturi fl-UE b'aktar prodotti tal-ikel differenti li huma tajbin għas-saħħa u sostenibbli, inklużi dawk li jiġu kkunsmati b'mod mifrux f'reġjuni oħra tad-dinja, pereżempju algi jew invertebrati bħar-rizzi.



© Ministry of Regional Development/Antonin Kapraň, 2018

Huwa stmat li hemm 15 000 kumpanija fis-settur tal-akkwakultura fl-UE, u l-maġġoranza l-kbira huma mikrointrapriżi li jimpjegaw inqas minn 10 persuni. In-numru totali ta' persuni impjegati fl-akkwakultura huwa viċin is-70 000 (figuri tal-2018). Dawn il-mikrointrapriżi għandhom it-tendenza li jkunu negozji tal-familja u jużaw metodi ta' produzzjoni u sistemi kemxejn estensivi.

L-UE hija dipendenti ħafna fuq ikel akkwatiku importat. L-UE timporta aktar min 70 % tal-ħut u frott tal-baħar li tikkonsma. Huwa għalhekk importanti li jiġi appoġġjat aktar tkabbir u diversifikazzjoni ta' produzzjoni tal-akkwakultura fl-UE b'mod li tħares l-ambjent u tipprovdi aktar xogħlijiet u żvilupp ekonomiku lil żoni kostali u rurali.

KIF QIEGĦDA TIŻVILUPPA L-AKKWAKULTURA FL-UE?

© JUAN CARLOS MUNOZ via Adobe Stock




Sa mill-2013, l-UE u l-Istati Membri tagħha stabbilew l-objettiv li jiżviluppaw l-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea b'mod li jiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tagħha. L-akkwakultura hija attività kumplessa li tinvolvi aktar elementi bħall-użu ta' spazju u ilma, il-kura tas-saħħa u t-ttrattament xieraq tal-annimali li jitrabbew u l-iżgurar tas-sikurezza tal-prodotti użati fil-proċess ta' pixxikultura (bħal għalf jew trattamenti veterinarji) għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Hemm korp kbir ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri dawn il-kwistjonijiet, li l-produtturi tal-akkwakultura jintalbu jikkonformaw magħhom. Barra minn hekk, leġiżlazzjoni speċifika għall-produzzjoni organika tippromwovi, permezz ta' ċertifikazzjoni u tikkettar, li l-akkwakultura tikkonforma ma' rekwiżiti ta' produzzjoni aktar stretti f'termini tal-impatt ambjentali u t-ttrattament xieraq tal-annimali, kif ukoll l-użu limitat u regolat ta' kontributi esterni.

© Hellenic Aquaculture Producers Organization (HAPO)



LIEMA REGOLAMENTI GĦANDHOM JIMXU MAGĦHOM IL-PRODUTTURI TAL- AKKWAKULTURA FL-UE QABEL IL-PRODOTTI TAGĦHOM JASLULEK FIL-PLATT?

- ✓ Qabel ma farm tal-akkwakultura jkun jista' jopera, il-produtturi tal-akkwakultura jridu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fil-valutazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet jivverifikaw jekk il-post propost huwiex xieraq u jivverifikaw bir-reqqa tal-impatt potenzjali tal-farm fuq l-ambjent. Il-farms awtorizzati għandhom ikompli jimmonitorjaw l-impatt tagħhom fuq l-ambjent.
- ✓ Biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem, l-akkwakulturisti jridu jimxu ma' regoli stretti fuq l-iġene tal-ikel u s-saħħa tal-animali. Għandhom jużaw biss għalf awtorizzati u kkontrollat.
- ✓ Biex jipproteġu l-ambjent, il-produtturi jistgħu jużaw biss għalf awtorizzati, prodotti tat-tindif u mediċini.
- ✓ Il-produtturi tal-akkwakultura għandhom bżonn awtorizzazzjoni qabel jużaw ilma tal-baħar jew ilma ħelu għall-farm. Meta jitfgħuh lura fl-ambjent, l-istatus tal-korp tal-ilma ma għandux jiddeterjora.
- ✓ Barra minn hekk, l-akkwakulturisti għandhom l-obbligi rigward is-saħħa tal-animali. L-istabbilimenti tagħhom għandhom ikunu reġistrati u approvati mill-awtoritajiet tas-sanità li jittrattaw is-saħħa tal-animali, u kemm il-bidwi tal-akkwakultura u l-awtoritajiet għandhom l-obbligu li jsir monitoraġġ minħabba l-possibbiltà ta' xi mard. L-akkwakulturisti għandhom l-obbligu li jżommu diversi rekords, inklużi dawk li jikkonċernaw kemm-il animal jidħol u joħroġ mill-farm u kemm-il animal imut. Għandhom ukoll iżommu r-rekords tal-miżuri li jieħdu biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw kwalunkwe riskju ta' mard.
- ✓ Barra minn hekk, l-akkwakulturisti għandhom jiżguraw trattament uman lil animali mrobbija matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni u waqt il-qatla u trasport.
- ✓ L-użu ta' prodott mediċinali veterinarju jirrikjedi riċetta mill-veterinarju, u prodott mediċinali veterinarji biss jistgħu jiġu permissi, filwaqt li jiġu rispettati l-preskrizzjoni tal-perjodi tal-irtirar u l-limiti ta' residwi. L-akkwakulturisti għandhom iżommu r-rekords tal-prodotti mediċinali veterinarji kollha li jużaw u jżommu kopja tar-riċetti.



Ir-responsabilità ewlenija biex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u l-immaniġġjar tal-attivitajiet tal-akkwakultura taqa' fuq l-awtoritajiet pubbliċi differenti fl-Istati Membri tal-UE. L-esperti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea jikkoperaw ukoll, bil-kontribut mis-settur tal-akkwakultura u partijiet interessati oħrajn bħal NGOs. Flimkien, huma jiżguraw li l-akkwakultura tkompli tikber b'mod li ġġib benefiċċji lil produtturi, komunitajiet u l-konsumaturi, waqt li tippreserva wkoll l-ambjent naturali tiegħu. Din il-kooperazzjoni hija bbażata fuq linji gwida strateġiċi mingħand il-Kummissjoni Ewropea u pjanijiet strateġiċi nazzjonali għas-settur.





Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-aġenda l-ġdida għat-*tkabbir* tal-UE. L-objettiv tiegħu hu li jstimula l-ekonomija u joħloq xogħlijiet waqt li jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika. F'dan il-kuntest, huwa aktar importanti minn qatt qabel li jiġi żgurat li l-akkwakultura fl-UE tikber b'mod li tikkontribwixxi wkoll għal objettivi importanti bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, it-tranżizzjoni għal sistemi ta' ikel aktar sostenibbli, it-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, it-tnaqqis fit-tniġġis u l-ħolqien tax-xogħol fil-komunitajiet kostali u rurali.

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea fl-2021 adottat linji gwida strateġiċi ġodda għall-iżvilupp ta' dan is-settur fl-UE. Dawn jstabbilixxu t-triq biex l-akkwakultura fl-UE tikber f'settur aktar kompetittiv u reżiljenti, u li dan isir punt ta' referenza globali għas-sostenibbiltà sal-2030. Il-Kummissjoni involviet

l-Istati Membri tal-UE, is-settur tal-akkwakultura u gruppi u ċittadini interessati oħrajn fil-preparazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

Dawn il-linji gwida strateġiċi jkopru l-kwistjonijiet kollha li huma rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fl-UE u tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, il-produtturi tal-akkwakultura u atturi rilevanti oħra bħal NGOs. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu l-iżvilupp ta' gwida u ta' prattiki tajbin fuq aspetti differenti tal-attivitajiet tal-akkwakultura.

Li niksbu l-objettivi tal-linji gwida strateġiċi **jiddependi minna koll:** L-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-produtturi tal-akkwakultura, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, l-investituri, il-proċessuri, il-bejjiegħa u l-konsumaturi.



© BIM

IL-KWISTJONIJIET INDIRIZZATI FIL-LINJI GWIDA ĠODDA JINKLUDU LI:

- ✓ jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ispazju u l-ilma, biex l-akkwakultura fl-UE tkompli tikber;
- ✓ jitnaqqas il-piż amministrattiv bla bżonn għall-awtorizzazzjoni tal-farms tal-akkwakultura;
- ✓ ikompli jitrażżan l-impatt fuq l-akkwakultura, kif ukoll jiġu promossi tipi ta' akkwakultura li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u l-klima;
- ✓ jitjiebu l-miżuri rigward is-saħħa u l-benessri tal-annimali;
- ✓ tiġi żgurata li l-akkwakultura tadatta għat-tibdil fil-klima u tikkontribwixxi għal mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima;
- ✓ tiġi provduta aktar informazzjoni, u informazzjoni aħjar, lill-konsumaturi u ċ-ċittadini dwar l-akkwakultura tal-UE;
- ✓ jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni u żviluppati l-ħiliet rilevanti;
- ✓ tiġi promossa d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni biex tikber l-għażla ta' prodotti tal-akkwakultura, b'mod partikolari dik ta' speċi promettenti ġodda fl-UE bħal algi jew invertebrati marini (inkluż il-molluski jew invertebrati oħrajn bħal rizzi jew bużżi).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 © L-Unjoni Ewropea, 2022

L-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat, dment li jingħata kreditu xieraq u jiġi indikat kwalunkwe tibdil. (Creative Commons Attribution 4.0 International license). Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

Print	ISBN 978-92-76-31875-0	doi:10.2771/429344	KL-09-21-047-MT-C
PDF	ISBN 978-92-76-31847-7	doi:10.2771/058825	KL-09-21-047-MT-N